# Qima Qadima lejn San Lawrenz fil-Mosta

kitba ta' **Lorenzo ZAHRA**

Tassew li qed ngħixu fi żminijiet ta' bidla, u din narawha f'kull qasam tal-ħajja. Ħarsa lejn il-Mosta tal-lum - ma' dik ta' ħamsin sena ilu - wieħed jinduna li l-art li dari kienet tħaddar bil-kampanja llum saret bajda bil-bini ta' tant djar u vilel sbieħ. L-imgħoddi tal-Mosta jkompli jimla l-paġni tal-ġrajjiet storiċi li kull art u rokna ta' Malta toffri.

Diġà f'nofs is-seklu sittax, f'wieħed mill-oqsma tal-Mosta - mhux 'il bogħod mill-Knisja ta' l-Assunta - kien hemm kappella rurali ddedikata lil San Lawrenz Levita u Martri. Mhux ta' b'xejn mela li fil-Knisja l-qadima tal-Parroċċa fuq l-altar tal-Kappella ta' Sant'Anna kien hemm ukoll xhieha ta' dan il-Levita qaddis martri wkoll.



Il-kappella l-qadima li semmejna kienet tinsab fl-inħawi magħrufin bħala 'Ta' Vneżja' (lejn Ta' Qali). Kienet tassew qadima, imma fiha kien isir l-quddies. Tant li nhar l-10 t'Awwissu - jum San Lawrenz - kienet issir quddiesa speċjali u wkoll primi vespri. Il-kappella - li għal bosta żmien kienet tagħmel mal-Katidral - kien jieħu ħsiebha ċertu Pietru Pawlu Falzon, u ta' kull nhar ta' Sibt kien jixgħel il-lampier biex jibqa' mixgħul ukoll il-Ħadd. Ħaġa li turi l-qima antika lejn dan il-Qaddis.

Imma żmien wara, din il-kappella kienet mitluqa. Tant li fiż-żjara pastorali ta' nhar it-30 t'Awwissu 1659, l-Isqof kien ordna li tingħalaq u ttieħed kollox il-Katidral, inkluż il-kwadru titulari. Ittieħdu wkoll l-obbligi li kienu marbuta ma' din il-kappella, u għalhekk bdew isiru fil-Katidral.

Il-kappella kienet tinsab f'witja mhux 'il bogħod mill-Knisja ta' l-Assunta. Għal xi żmien kienet tinsab f'art imsejħa 'Ta' Buni', imma lejn is-seklu tmintax, l-art insibuha msejħa bħala 'Ta' Rangu' fit-territorju 'Ta' Bicana' (jew 'Ta' Buqana'?). Meta ġġarfet din il-knisja rurali ta' San Lawrenz fl-artijiet magħrufa bħala 'Ta' Vneżja', l-inħawi baqgħu jissejħu bl-isem tal-qaddis. Tant li lejn is-seklu dsatax kien hemm art fil-Mosta msejħa 'Il-Palm ta' San Lawrenz'. Fil-qrib ukoll, kien hemm qasam ieħor fl-istess żmien li kien imsejjaħ 'Tar-Robba' jew 'Ir-Robba ta' San Lawrenz'.

Wieħed jifhem li l-kappella Lawrenzjana msemmija kienet f'oqsma tal-Mosta għaliex fil-kawża dwar it-territorji parrokkjali, il-Kappillan tal-Mosta ppreżenta l-każ bl-ismijiet tal-lokali li kien jieħu ħsieb il-kura billi kien jirreġistra żwiġijiet, twelid u mwiet fl-oqsma sa mill-bidu tas-seklu sittax, u bħalu għamel il-Kappillan tan-Naxxar.

***Referenzi:***

*a) AAM-process Can They u Don G. Fiott għan-Naxxar u Don S. Bonnici għall-Mosta.*

*b) Public Lib. Coll. Adami Mss 87 u 89.*

*c) Att. Not. Paolo Ellul, 8 ta' Lulju 1862.*

